**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Mejju, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 234/2021 AF**

**Nilmar Limited (C-91976)**

**vs**

**Alison Investments Limited (C-77176)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Nilmar Limited, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà kovenuta kienet inkarigat lis-socjetà attrici sabiex tirrendi diversi xogholijiet t'appalt gewwa l-kumpless ta' bini sovrapost ghal binja maghrufa bhala Daniel's Mall gewwa High

Street, Hamrun, liema xoghol kien jinkludi xoghol ta' installazzjoni ta' dawl u ilma, tikhil, tibjid u tqeghid ta' madum f'wiehed u ghoxrin appartament, xoghol ta' installazzjoni ta' dawl fil-komun tal-istess kumpless u xogholijiet ohra fuq il-bejt tal-istess kumpless. In oltre l-istess socjetà attrici rendiet servizzi lis-socjetà konvenuta gewwa l-hanut maghruf bhala "Gemo" li jinsab fil-kumpless maghrufa bhala Daniel's Mall gewwa High Street, Hamrun liema xogholijiet jinkludi tqeghid ta' madum u installazzjoni ta' *air conditioner units*.

L-esponenti ilha li ghamlet ix-xogholijiet surriferiti sa minn Ottubru tas-sena 2019 u cioè sakemm is-socjetà konvenuta ddecidiet b'mod unilaterali li twaqqaf lill-esponenti milli jkomplu jaghmlu x-xogholijiet.

Ghalkemm is-socjetà attrici rceviet il-maggor parti tas-somma lilha dovuta minghand is-socjetà konvenuta, l-istess socjetà konvenuta fadalla bilanc dovut fl-ammont ta' disgha u sebghin elf u tmienja u ghoxrin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€79,028.72).

Minkejja li s-socjeta konvenuta giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont pendenti l-istess socjetà konvenuta filwaqt li permezz ta' e-mail datata 27 ta' Jannar 2021 accettat l-ammont hekk pendenti, hija baqghet inadempjenti tant illi l-istess ammont baqa' ma thallasx.

Fil-fehma tas-socjetà attrici l-ammont minnha mitlub huwa cert, likwidu u dovut u s-socjetà konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni x'tissolleva ghat-talbiet attrici.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167(1)(a) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara lis-socjetà konvenuta bhala debitrici tas-socjetà esponenti fl-ammont ta' disgha u sebghin elf u tmienja u ghoxrin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€79,028.72).

3. Tikkundanna u tordna lis-socjetà konvenuta thallas lill-esponenti l-ammont ta' disgha u sebghin elf u tmienja u ghoxrin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€79,028.72) hekk dovut.

Bl-ispejjez nkluz tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li jgib in-numru 292/21 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjetà konvenuta minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta' Alison Investments Limited li permezz taghha hija ammettiet it-talba.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba ta' Nilmar Limited;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li Alison Investments Limited hija debitrici ta' Nilmar Limited fl-ammont ta' disgha u sebghin elf u tmienja u ghoxrin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€79,028.72);

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lil Alison Investments Limited thallas lil Nilmar Limited is-somma ta' disgha u sebghin elf u tmienja u ghoxrin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€79,028.72), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Alison Investments Limited.

IMHALLEF

DEP/REG